**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-22 ta' Novembru 2021**

**Rik. Gur. Nru.: 14/2019 JPG**

**Kawza Numru : 19**

**CM**

**Vs**

**U b'digriet tat-18 ta' Frar 2019 gew nominati Dr Dunstin Camilleri u PL Nicolette Aquilina bhala Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti SG**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' CM datat 18 ta' Jannar 2019, a fol et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi nhar is-7 ta' Frar 2018, il-kontendenti żżewġu ġewwa Malta (kopja taċ-ċertifikat taż-żwieġ huwa hawn anness u mmarkat bħala Dok 'A') u miż-żwieġ tagħhom ma kienx hemm ulied;*

2. *Illi qabel dan iż-żwieġ, il-kontendenti daħlu f'kuntratt ante-nuzjali (kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata bħala Dok 'B');*

3. *Illi l-kunsens tar-rikorrent inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-konvenuta li tista' mix-xorta tagħha tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa;*

4. *Illi fil-mori tal-kawża, ser jiġi ppruvat illi l-kunsens tal-konvenuta inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ;*

5. *Illi l-konvenuta żżewġet lir-rikorrent għal raġunijiet ta' konvenjenza u xejn aktar u dan ser jiġi ppruvat ampjament fil-mori tal-kawża, tant li mill-provi ser jirriżulta li wara biss xahrejn miż-żwieġ hi abbandunat lil żewġha u telqet barra minn Malta f'pajjiż mhux magħruf, mingħajr qatt ma reġgħet ikkomunikat ma' żewġha l-esponent li llum m'għandux ħjiel ta' fejn hi tinsab tant li huwa qed jipproċedi fil-konfront ta' kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-interessi tal-istess assenti;*

6. *Illi għalhekk iż-żwieġ iċċelebrat bejn il-partijiet huwa null għall-effetti kollha tal-liġi;*

*Għaldaqstant in vista tar-raġunijiet premessi, ir-rikorrent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddeċiedi u tiddikjara illi ż-żwieġ tas-7 ta' Frar 2018 li ġie ċċelebrat bejn il-partijiet huwa null u bla effett fil-liġi ai termini tal-Artikolu 19(1)(ċ) u 19(1)(f) u Artikolu 19A (1)[1] tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Tawtorizza lill-esponent jirreġistra l-istess sentenza fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta;*

*Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta li hija minn issa inġunta in subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

[1] U b'digriet tal-15 ta' Novembru 2019, l-ewwel talba trid taqra: *"1. Tiddeċiedi u tiddikjara illi ż-żwieġ tas-7 ta' Frar 2018 li ġie ċċelebrat bejn il-partijiet huwa null u bla effett fil-liġi ai termini tal-Artikolu 19(1)(ċ) u 19(1)(f) u Artikolu 19A(1) tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta;"*

Rat ir-risposta guramentata tal-Kuraturi Deputati Dr Dunstin Camilleri u PL Nicolette Aquilina, ghan-nom ta'13 ta' Mejju 2019, a fol 25A li taqra hekk:

*Illi d-deputati kuraturi gew hekk nominati permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat 18 ta' Frar, 2019;*

*Illi l-esponenti m'huwiex edotti mill-fatti u ghalhekk qedghin jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'kas u jekk jigu edotti mill-fatti;*

*Illi l-esponenti jirrizervaw li jipprezentaw eccezzjonijiet kemm il-darba jirnexxielhom jaghmlu kuntatt mal-konvenuta;*

*Illi l-esponenti qeghin jitolbu min issa l-indirizz u/jew dettalji ohra li l-attur jkollu sabiex l-kuraturi depuatati jkunu jistghu jaghmlu kuntatt mal-konvenuta;*

*Illi f'dan l-istadju l-esponenti ma ghandhomx noti u dokumenti x'jipprezentaw, kwindi jirrizervaw d-dritt li jghamlu dan fi stadju ulterjuri, jekk ikun il-kaz;*

*Salv risposta ulterjuri u/jew eccezzjonijiet ulterjuri;*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni mill-avuakti difensuri tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur CM xehed nhar l- 10 ta'Lulju 2019** *(vide fol 26B et seq)* jispjega illi huwa iltaqgha mal-intimata fuq *dating site* f'Jannar jew Frar tas-sena 2016 u kienu jitkellmu fuq Skype. Izid illi darba minnhom l-intimata kienet giet Malta bejn wiehed u iehor tlett (3) xhur wara li bdew jitkellmu u marret tirrisjedi ghandu. Jispjega illi hu kien jorqod fuq u hi kienet torqod isfel fil-kamra tas-sodda, fir-residenza tieghu f'Hal Ghaxaq. Jixhed illi kienet ghamlet bejn wiehed u iehor xi ghaxart ijiem Malta u telqet lura pajjiza. Huma baqghu jitkellmu fuq Skype permezz

ta' video calls. Jirrileva illi l-intimata kienet tghidlu li huwa ragel sew u minghajr vizzji. Jixhed illi l-passatemp tieghu huwa fil-botanika, fil-fjuri, sigar u l-ambjent. Qabel iz-zwieg jishaq illi kien jaghtiha bejn hames mija u elf ewro u kienet tibghathom lit-tifla u anke riedet li jaqleb id-dar fuqha. Jixhed illi hi kienet tghidlu li tixtieq li tibqa' mieghu u li trid tmur tghix mieghu. Kienet tghidlu ukoll illi hija professur tahdem gol l-isptar u li kienet l-ex mara tad-direttur tal-KGB. Illi filfatt kienet regghet giet lura Malta u minn hemm urietu li riedet li r-relazzjoni taghhom tizviluppa, kienet isajjar, tahsel u tnaddaf u ddur bih. Izid illi kienu ilhom xi tlett xhur bil-pjanijiet ghaz-zwieg u kien irranga l-affarijiet hu, u fil-frattemp hi kienet taghmel ghaxart ijiem Malta u kien ikollha terga tirritorna.  B'kollox bejn is-sena 2016 u s-sena 2018 meta zzewgu kienet giet darbtejn Malta. Jispjega illi darba minnhom kienet qamet tibki li ma tridx tmur lura u kien hemm illi ddecieda li ahjar jizzewwgu.

Rigward il-kuntratt, jirrileva illi hi ma riditx li jsir izda kien it-tifel tieghu li qallu biex jaghmlu ghaliex beda jahseb li riedet tohodlu kollox. Jispjega illi t-tifel tieghu Spettur tal-Pulizija. L-intimata ghall-ewwel oggezzjonat bil-qawwa izda fl-ahhar cediet li l-beni jibqghu separati. Wara t-tieg bdiet tmur tinkiteb f'hafna komunitajiet R u anke gieli haditu f'xi knisja taghhom il-Belt. Bdiet ukoll gejja u sejra l-ambaxxata R imma lilu kienu jhalluh barra.

L-attur jixhed illi z-zwieg taghhom qatt ma gie kkunsmat u r-relazzjoni bejniethom kienet limitata ghal tghanniq u bews, mill-bidu sal-ahhar taz-zwieg. Jispjega illi hi kienet tghidlu li ma setghatx taghmel l-att taz-zwieg. Illi wara ftit gimghat sparixxiet u ma bediex isibha d-dar u kienet marret f'hotel il-Qawra minghajr ma taghtu raguni ilghaliex. Illi pero' kienet titolbu johdilha l-flus. Darba minnhom kien taha hames mitt ewro (500) u meta qalilha biex tmur lura d-dar, kienet qaltlu li ahjar toqghod wahidha. Jirrileva illi l-intimta kienet sentejn izghar minnu, pero qatt ma kienet tghidlu xejn. Illi kull fejn kienet tara exchange kienet titolbu l-flus, elf ewro, f'elf ewro. L-ghada l-istess regghat talbitu l-flus. Jixhed illi ta madwar sebat elef ewro (7000). Jikkonferma illi huma zzewgu fi Frar u hi telqet fit-tletin (30) ta' Marzu.

Jirrileva illi prezentament l-attur ma jafx fejn tinstab l-intimata, izda jaf li telqet minn Malta zgur, ghaliex it-tifel tieghu kien raha l-ajurport u minn dak inhar hadd ma raha aktar.

**Ikkonsidrat:**

Din hija kawza ghad-dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg tal-partijiet ikkontrattat fis- 7 ta' Frar 2018, liema zwieg gie rregistrat fir-Registru Pubbliku ta'Malta bin-numru 271/2018 u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg *a fol 4* tal-process. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal.

Mill-atti jirrizulta illi l-partijiet kienu iltaqghu fuq *dating site* u minn hemm bdew jitkellmu b'mod regolari fuq Skype. Illi jidher li l-intimata kienet niezlet darbtejn Malta u kien ospitaha l-attur f'dahru. Illi z-zwieg tal-partijiet kien wiehed brevi u dam biss minn 7 ta' Frar sal-ahhar ta' Marzu tas-sena 2018. Illi llum il-gurnata, filwaqt li jidher li x'aktarx l-intimata telqet minn Malta, l-attur ma jafx s'sar minnha.

L-ebda provi ma gew prodotti mill-konvenuta peress illi il-kuraturi deputati ma rrnexxilhomx jintraccawha u b'hekk kien impossibbli ghalihom li jikkomunikaw maghhom u jressqu xi provi. Il-Qorti taghraf illi ghalkemm ma sarux eccezzjonijiet fuq il-meritu il-ghaliex l-Kuraturi Deputati ma rnexxilhomx jaghmlu kuntatt mal-konvenuta, ma jfissirx illi din il-Qorti m'ghandhiex tezamina l-meritu tat-talbiet tal-attur sabiex tistabilixxi jekk jissussistux o meno il-kawzali t'annullament moghtija mill-attur, u dan peress illi fir-rigward taz-zwieg tezisti prezunzjoni ta' validita'.

Skont il-gurisprudenza kostanti taghna, gie stabbilit illi:

> ***Huwa pacifiku illi z-zwieg huwa istitut ta' l-ordni pubbliku u bhala tali ghandu jgawdi minn dawk is-salvagwardji li jixraqlu u li huma necessarji biex jiggarantixxu l-importanza u s-solennita` li dan l-istitut ghandu fis-socjeta`. Appuntu ghal din ir-raguni, il-kuntratt taz-zwieg ma huwiex regolat bid-dispozizzjoniiet generali in materja ta' kuntratti li nsibu fil-Kodici Civili izda b'lex specialis taht il-Kap. 255, li tipprovdi dwar ir-ragunijiet li minhabba fihom zwieg jista' jigi dikjarat li huwa minghajr effett.***[2]

Fir-rigward taz-zwieg tezisti prezunzjoni ta' validita' ` illi tesigi li z-zwieg ma ghandux jigix dikjarat li huwa invalidu, jekk ma jitressqux ghas-sodisfazzjon pjen tal-Qorti, provi cari u konkreti li jezistu ragunijiet gravi u serji u eccezzjonali skond kif trid il-Ligi, li jiggustifikaw

[2] Vide Rik.Gur.Nru.: 219/2016RGM fl-ismijiet: L-Avukat AB vs ED deciza nhar il-31 ta'Jannar 2018.

talba ghan-nullita.' Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet ***L-Avukat A B noe vs ED*** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-31 ta' Jannar 2018:

> ***Huwa pacifiku illi z-zwieg huwa istitut ta' l-ordni pubbliku u bhala tali ghandu jgawdi minn dawk is-salvagwardji li jixraqlu u li huma necessarji biex jiggarantixxu l-importanza u s-solennita` li dan l-istitut ghandu fis-socjeta`. Appuntu ghal din ir-raguni, il-kuntratt taz-zwieg ma huwiex regolat bid-dispozizzjoniiet generali in materja ta' kuntratti li nsibu fil-Kodici Civili izda b'lex specialis taht il-Kap. 255, li tipprovdi dwar ir-ragunijiet li minhabba fihom zwieg jista' jigi dikjarat li huwa minghajr effett. Inoltre, tezisti a favur iz-zwieg prezunzjoni ta' validita` illi tesigi li z-zwieg ma ghandux jigix dikjarat li huwa invalidu, jekk ma jitressqux ghas-sodisfazzjon pjen tal-qorti, provi cari u konkreti li jezistu ragunijiet gravi u serji u eccezzjonali skond kif trid il-Ligi, li jiggustifikaw talba ghan-nullita`…***
>
> ***In-nullita` taz-zwieg hija ghalhekk eccezzjoni ghar-regola ta' validita` u konsegwentement, kull talba biex zwieg jigi dikjarat li qatt ma kien, ghandha titqies b'cirkospezzjoni filwaqt li tinghata wkoll interpretazzjoni ristrettiva…***

Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet ***Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia*** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Lulju 1987:

> ***Iz-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta' u bla dubju ta' xejn huwa ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-aktar rispett… Ghall-Qorti n-nullita' hija haga serjissima u eccezzjonali bbazata fuq ir-rekwiziti legali, u bhala materja eccezzjonali trid tkun interpretata restrittivament.***

Inoltre, kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet ***Joseph Zammit vs Bernardette Zammit*** deciza 27 ta' Jannar 2006:

> ***Irid mill-ewwel jiġi senjalat prinċipju fundamentali fil-liġi ċivili u cioe' li ż-żwieġ bejn il-kontendenti għandu jkun preżunt li jkun wieħed validu. Għalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawża li tagħmel prova sodisfaċenti ta' l-***

***allegazzjonijet rispettivi tagħha dwar l-allegazzjoni u cioe' li ż-żwieg huwa null għaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.***

Illi ghalhekk il-Qorti ser tghaddi sabiex tezamina fil-meritu taghhom il-kawzali ta' nullita' mressqa mill-attur.

**Ikkonsidrat:**

L-attur qieghed jibbaza t-talba taghha fuq l-artikoli 19(1)(c), (f) u l-artikolu 19A(1), tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-artikolu 19(1)(c) jipprovdi illi zwieg ikun null:

***(ċ) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalità tal-parti l-oħra li tista' mix-xorta tagħha tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa;***

Dwar l-Artikolu 19(1)(c) u cioe' li l-kunsens tar-rikorrenti nkiseb b'qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra li tista' mix-xorti taghha tkixkel serjament il-hajja mizzewga, issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet: ***Pierina Micallef vs. Bentanfous Amor***[3] fejn gie dikjarat li "

***Kwantu għal "qerq" …. dan ċertament hu motiv ta' nullita` tal-ftehim jew tal-kuntratt kif hekk del resto jiddisponi l-Artikolu 981(1) tal-Kodiċi Ċivili. L-egħmil doluż pero` ma jista' qatt ikun preżunt u għandu jiġi pruvat (Artikolu 981(2)). Il-qerq irid ikun tali li jkun jista` jbiegħed ir-raġuni u jegħleb il-volonta.`"***

***1) il-qerq jigi perpetrat bil-hsieb li wiehed jikseb il-kunsens tal-parti;***
***2) li l-qerq ikun incida fuq il-kunsens tal-parti;***
***3) li l-qerq ikun jirrigwarda xi kwalita` tal-parti l-ohra;***[4]
***4) li din il-kwalita` tkun tista' mix-xorta tagħha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.***

---

[3] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Diċembru 2002 (Ċitazzjoni Numru 1176/2000/1PS)

[4] Carmelo sive Charles Mifsud vs. Anna Mifsud nee' Ignacakova, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 13 ta' Novembru 2002 (Ċitaz. 2469/1997RCP) u AB vs. Dr. Leontine Calleja et noe deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fis-6 t'April 2017 (Rikors Ġuramentat 21/16AL)

Mhux necessarju li l-hajja mizzewga giet effettivament imfixkla, imma li kien hemm il-potenzjal li titfixkel. Illi l-Qrati taghna dejjem sostnew li z-zwieg ikun null skond dan is-sub-artikolu jekk wahda mill-partijiet taghti l-kunsens taghha ghax tkun giet imqarrqa jew mill-parti l-ohra jew minn xi haddieħor dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra.[5] Bi kwalita` tal-persuna, il-Qorti tifhem illi l-qerq ikun relatat mal-persuna innifisha bħal ma hija persuna marida, infertili jew afflitta mill-ġenn, jew ivvizzjata bid-droga, bl-alkohol jew bil-logħob tal-azzard, li tahbi tali vizzju jew mard mill-konjugi l-iehor qabel iz-zwieġ, jew persuna t'orjentazzjoni sesswali mhux kif mistenni fir-relazzjoni partikolari.[6]

Illi l-artikolu 19 (1) (f) jipprovdi illi zwieg ikun null:

> ***jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.***

B'referenza ghal dan is-sub-inciz intqal fis-sentenza fl-ismijiet ***Simon Cusens vs Romina Cusens*** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-10 ta' Dicembru 2014 illi:

> ***"Dan is-subinciz (f) jirreferi ghal dawk ic-cirkostanzi fejn xi hadd mill-partijiet ikun ha decizjoni li ghalkemm ser jippartecipa fic-cerimonja taz-zwieg huwa kien qieghed jeskludi jew iz-zwieg innifsu jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg b'tali mod li z-zwieg ikun qieghed jigi eskluz. Fi kliem iehor, sabiex zwieg jigi kkonsidrat null ai termini ta' dan is-subinciz jehtieg li jigi pprovat li xi hadd mill-partijiet huwa hati ta' simulazzjoni fis-sens illi minn barra kien jidher li qed jaghti l-kunsens ghar-rabta matrimonjali mentri fil-fond tal-menti tieghu jew taghha iz-zwieg jew xi element essenzjali tal-hajja mizzewga kien qed jigi eskluz a priori."***

Bl-istess mod, fis-sentenza fl-ismijiet ***L-Avukat A B noe vs ED,*** citata aktar il-fuq intqal:

---

[5] Fattah xebba Perry vs Dr. A. Mifsud et, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit- 22 ta' Novembru 1982, kif iċċitata b'approvazzjoni f'Carmelo sive Charles Mifsud vs. Anna Mifsud nee' Ignacakova, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 13 ta' Novembru 2002 (Ċitaz. 2469/1997RCP)

[6] Bħal fil-każ ta' David Buhagiar vs. Roseanne nee Maile, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 t'April 1995, (Ċitazzjoni: 1584/94VGD);

> ***Illi gie konsistentement ritenut illi dan is-subinciz (f) jirreferi ghal dawk ic-cirkostanzi fejn xi hadd mill-partijiet ikun ha decizjoni li ghalkemm ser jippartecipa fic-cerimonja taz-zwieg, hija tkun qieghda teskludi jew iz-zwieg innifsu, jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg b'tali mod li z-zwieg ikun qieghed jigi eskluz. Fi kliem iehor, biex zwieg ikun null ai termini ta' dan is-sub inciz, xi hadd mill-partijiet ma jkollux intenzjoni li jizzewweg u jghix hajja konjugali, izda jkun resaq ghac-celebrazzjoni taz-zwieg sabiex jilhaq xi ghan ulterjuri.***

Il-Qorti hawnhekk taghmel ukoll referenza ghas-sentenza fl-ismijiet ***Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Mejju 2002 fejn inghad illi:

> ***meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed (jew wahda) minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero` bl-att tieghu hu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori z-zwieg,…….hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.***

Illi l-attur jiccita wkoll l-artikolu 19(A), li jipprovdi kif segwenti:

> ***(1) Żwieġ validu jista' jiġi annullat fuq talba ta' parti miżżewġa waħda minħabba li l-parti l-oħra tkun irrifjutat tikkonsma l-istess żwieġ.***
>
> ***(2) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 19(2) għandhom japplikaw f'każ għall-annullament ta' żwieġ imsemmi fis-subartikolu (1) kif japplikaw għal azzjoni għall-annullament ta' żwieġ kif imsemmi f'dak l-artikolu.***
>
> ***(3) Azzjoni għall-annullament ta' żwieġ taħt dan l-artikolu ma tistax tiġi istitwita qabel ma jiskadu tliet xhur mid-data taċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ.***

**Ikkonsidrat:**

Stabbiliti dawn l-insenjamenti legali din il-Qorti ser tgħaddi, sabiex taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet fid-dawl tal-provi migbura tul il-mori tal-proceduri.

Din il-Qorti ghandha d-dover li tevalwa bir-reqqa l-provi li ngabu quddiemha, liema provi ghandhom ikunu konkreti, konvincenti u li ma jhallu l-ebda dubju f' mohh il-gudikant b'dana illi l-anullament in kwistjoni mhux qiegħed jintalab kappriccozament.

Il-konvenuta, li kienet rapprezentata f'din il-kawza minn Kuraturi Deputati, ma xehditx u ghalhekk il-Qorti ghandha quddiemha biss il-verzjoni inkontradetta ta' l-attur. Illi din il-Qorti tosserva illi minkejja li kien hemm diversi ingunzjonijiet sabiex jitilghu jixhdu rapprezentanti minn diversi dipartiment/agenziji, din il-Qorti rat illi dawn baqghu ma hargu qatt, bil-konsegwenza li din il-Qorti ghandha biss a dispozizzjoni taghha t-testimonjanza tal-attur.

Peress illi jirrizulta sew mir-rikors guramentat kif ukoll mill-provi mressqa mill-attur li t-talbiet tieghu ghan-nullita` huma essenzjalment imsejsin fuq il-premessa li l-konvenuta qieset iz-zwieg bhala wiehed ta' konvenjenza, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-ewwel ghandha titratta l-kawzali msejsa fuq l-Artikolu (1) (f) tal-Kap 255, b'mod li jekk din il-kawzali tirrizulta, ma jkunx mehtieg li tigi trattata wkoll il-kawzali kontemplata mill-Artikolu 19(1)(c).

Kif jghallem il-gurista Francesco Bersini fuq is-suggett taz-zwieg ta' konvenjenza:

> ***Chi ad esempio intende un fine estrinseco al matrimonio in modo tale da escludere con atto posittivo di volonta' lo stesso matrimonio, che per lui e` una pura formalita' vuota e senza senso, evidentemente fa del matrimonio un rito vano. In tal modo contrae invalidamente colui che, escludendo con atto posittivo di volonta', almeno implicito, lo stesso matrimonio, si sposa unicamente ed esclusivamente per un fine estrinseco, cioe' diverso dal matrimonio, fine che egli intende come oggetto esclusivo del consenso. Per esempio: avere una dote, evitare il servizio militare, adire una eredita', scopi di libidine, ecc…***

Il-gurisprudenza tal-Qrati Maltin fuq dan is-suggett hija fis-sens illi zwieg ta' konvenzja jimporta s-simulazzjoni tal-kunsens peress illi l-partijiet, jew xi hadd minnhom, ikunu eskludew posittivament iz-zwieg innifsu, u ghalhekk huwa zwieg null f'ghajnejn il-ligi. Partikolari fir-rigward ta' kazijiet

fejn il-kunsens ta' xi hadd mill-partijiet ikun ikkontratta z-zwieg sabiex ikun jista' jirrisjedi jew jahdem Malta, intqal illi:

> ***Meta l-uniku skop tal-kontraent jkun li jibqa' Malta biex jahdem u eventwalment jikseb ic-cittadinanza, hu jkun qieghed posittivament jeskludi z-zwieg innifsu, b'mod li jkun hemm simulazzjoni totali. Naturalment, f'dawn il-kazijiet wiehed ma ghandhux jistenna li jsib prova diretta tas-simulazzjoni, fis-sens ta' xi dikjarazzjoni esplicita tal-intenzjoni ta' dak li jkun, pero' tali intenzjoni tista' tigi manifesta wkoll implicitament.***

Il-Qorti rat illi mill-provi prodotti jidher illi z-zwieg qasir tal-partijiet kien wiehed ta' purament ta' konvenjenza ghall-intimata u hemm bosta l-fatturi illi jistabbilixxu dan l-istat ta' fatt. Illi mix-xhieda mhux kontrastata tal-attur, jidher illi l-intiza tal-intimata kienet biss li tizzewweg lill-attur sabiex hija tkun tista' tirrisjedi Malta, tikseb karta tal-identita' Maltija, u li permezz taghha, tkun tista' taccedi l-kumplament tal-Ewropa. Illi jidher ukoll li l-intimata kienet tqis lill-attur bhala mezz kif tista tikseb gwadann finanzjarju. Infatti l-intimata kienet tippretendi li l-intimat jroddilha kull ma titlob minghajr ebda misthija jew qis kemm qabel iz-zwieg kif ukoll wara. Infatti, mix-xhieda tal-attur jirrizulta li l-intimata kienet titlob ammonti sostanzjali cioe' bejn hames mitt (500) ewro u elf (1000) ewro kull darba, minghajr spjegazzjoni jew gustifikazzjoni.

Illi l-attur spjega ukoll illi kien ra bidla fil-personalita' taghha wara z-zwieg, liema bidla gabet maghha indifferenza totali fir-rigward tal-attur u l-hajja konjugali taghhom tant li l-ghada taz-zwieg bdiet titolbu iwassalha diversi bnadi sabiex tissieheb f'komunitajiet diversi R, u kienet gejja u sejra l-Ambaxxata R f'Malta, b'dana illi ftit gimghat wara c-celebrazzjoni taz-zwieg telqet tghix wahida go lukanda. Dan is-soggorn f'tali lukanda kellu addirittura jigi ffinanzjat mill-attur. Illi sussegwentment, l-intimata telqet mill-pajjiz minghajr ebda preavviz, tant li llum l-attur ma jafx x'sar minnha.

Illi mit-testimonjanza tal-attur, relattiva ghall-fatt li l-intimata qatt ma fittxet l-intimita' ta' bejnithom bhala konjugi, tant li kemm qabel u anke wara z-zwieg huma baqghu jorqdu fi kmamar separati, bil-konsegwenza li z-zwieg qatt ma kien konsumat, ikompli jitfa' dawl fuq kemm verament dan kien biss zwieg ta' konvenjenza ghall-intimata, u li l-attur kien biss mezz ta' gwadann finanzjarju. Jirrizulta di piu' li l-attur kien ibaxxi rasu ghal kull rikjesta taghha,

sakemm intervenew il-familjari tieghu li permezz taghhom kiseb il-konsapevolezza tal-ghanijiet veri tal-intimata.

Illi ghalhekk, il-Qorti hija tal-fehma illi minn dan kollu huwa dezumibbli illi l-konvenuta izzewwget lill-attur biex takkwista l-gid, l-assi u l-flus tal-attur taht idejha u bhala cittadina R, tikseb id-dritt illi tirrisjedi Malta *tramite* iz-zwieg u eventwalment l-Ewropa wkoll. Illi hekk kif ottjeniet dak li riedet, abbandunat lill-attur daqs li kieku qatt ma kien gie ccelebrat zwieg bejniethom. Illi huwa biss l-ghaqal ta' iben l-attur, li kkonvinca lill-attur jikkontratta is-separazzjoni tal-beni qabel iz-zwieg mal-intimata li ssalvagwardja lill-attur minn falliment finanzjarju.

Ghaldaqstant, wara li rat il-provi prodotti mir-rikorrenti, din il-Qorti tinsab moralment konvinta illi z-zwieg tal-partijiet huwa null ai termini tal-Artikolu 19 (1) (f) u l-artikolu 19A tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Minn dan isegwi, skont il-gurisprudenza hawn fuq citata, illi l-kunsens tal-konvenuta kien simulat u ghaldaqstant iz-zwieg tal-partijiet null ai termini tal-Artikolu 19 (1) (f) u ai termini tal-Artikolu 19A tal-imsemmi Att.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrent u tiddikjara illi z-zwieg ikkontrattat bejn il-partijiet fis- 7 ta'Frar 2018 huwa null u bla effett ai termini tal-Artikolu 19 (1) (f) u l-Artikolu 19A tal-Att Dwar iz-Zwieg.**

**Il-Qorti tordna li kull parti tbati l-ispejjez taghha.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**